MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1199/1993/1

**David Curmi bhala managing director ghan-nom u in rappresentanza ta’ Citadel Services Limited u dina bhala agent f’Malta tas-socjeta assikuratrici estera Assitalia – Le Assicurazioni d’Italia**
**Vs**
**Angelo Desira**

Kawza Nru:

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta` attrici fit-8 ta’ Ottubru, 1993, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi l-assikurat tal-atturi nomine fis-6 ta’ Ottubru 1992 fit-3.00pm filwaqt li hu kien qieghed isuq il-vettura tieghu cioe` Truck numru ta’ registrazzjoni L-4716 tul Regional Road sejjer fid-direzzjoni ta’ St. Andrews kien involut f’kollizzjoni mal-vettura ossia Bowser misjuqa mill-konvenut numru ta’ registrazzjoni R-6516 meta harget go Regional Road bl-

intenzjoni li tibqa sejra ukoll ghad-direzzjoni ta’ St Andrews mill-ftuh fis-center strip esistenti fl-istess Regional Road.
Illi ghall-incident *de quo* huwa responsabbli unikament il-konvenut imhabba imperizja, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Illi l-attur nomine hallas lill-assikurat tieghu l-ammont ta’ Lm459 rappresentanti l-hsara li huwa sofra fil-vettura tieghu ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni “comprehensive” jinsab debitament issurogat fid-drittijiet tal-assikurat tieghu (Dok A).

Illi l-konvenut irrifjuta li jaghmel tajjeb ghall-hsara billi mhux qieghed jaccetta responsabilita ghall-kollizzjoni.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-kollizzjoni giet unikament tort tal-konvenut.
2. Konsegwentement tikkundannah ihallas lill-attur nomine l-ammont ta’ Lm459 rappresentanti l-hsara sofferta mill-assikurat tieghu ghall-liema huwa gie issurogat prevja l-pagament kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt biex jidher in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa ecepixxa illi l-eccipjenti ma kellu ebda tort jew htija fil-kollizjoni msemmija fic-citazzjoni li grat unikament b’tort u htija ta’ Paul Azzopardi, is-sewwieq tat-Truck Numru L-4716 assikurat mal-attur nomine, minhabba imprudenza, traskuragini u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ dan Paul Azzopardi, u ghalhekk l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-istess kollizjoni u ghad-danni pretisi mill-attur nomine u id-domandi tal-attur nomine ghandhom kwindi jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-4 ta’ Marzu, 1994, li in forza tieghu gie nominat bhala perit legali Dr Joseph Ciappara sabiex ifittex u jirrelata u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Jannar, 1999, li bih, peress illi Dr Joseph Ciappara kien jinsab indispost, gie sostitwit ghalih l-avukat Dr. Paul Gauci Maistre bl-istess inkarigu;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-periti legali;

Rat ir-rapport ippresentat mill-perit legali fl-10 ta’ Gunju, 2003, u minnu mahluf fl-udjenza tal-20 ta’ Novembru, 2003;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna kollizzjoni li sehhet bejn zewg vetturi fi Triq Regjonali, San Giljan. L-assikurat tas-socjeta` attrici, Paul Azzopardi, kien qed isuq truck bin-numru L-4716 mid-direzzjoni ta’ Regional Road, Msida, u sejjer lejn St Andrews, mentri l-konvenut Angelo Desira, li kien qed isuq bowser bin-numru R-6516, kien gej mid-direzzjoni ta’ Paceville u sejjer ukoll lejn St. Andrews. Dawn habtu u l-bowser spicca fuq ic-central strip li hemm fl-inhawi. Illum, fejn sehh l-incident gew installati t-traffic lights, izda ghal- bqija ma saru ebda alterazzjonijiet.

L-assikurat tal-attur ma giex prodott biex jixhed f’din il-kawza, u l-uniku mod kif din il-Qorti tista tapprezza l-versjoni tas-socjeta` attrici, hija tramite d-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni. Din, pero`, ghandha titqies, in gran parte, bhala *hearsay evidence*,

ghaliex ir-rappresentant tas-socjeta` attrici li halef dik id-dikjarazzjoni, certu David Curmi, ma kienx prezenti meta gara l-incident, u allura, dwar id-dinamika tal-incident, ma jaf xejn hlief dak li qallu l-assikurat tas-socjeta` attrici.

L-unika persuna li xehdet f'din il-kawza u li kienet involuta fl-incident, huwa l-konvenut li spjega minn fejn kien gej u qal li kif wasal biex jidhol f'Regional Road, ra t-truck gej mix-xellug tieghu, izda li kien il-boghod hafna. Fil-fatt jghid li d-*driver* tat-*truck* "kien ghadu 'l boghod sew u bil-fors li gera kemm felah biex lahaqni". Nonostante li ra t-truck gej, il-konvenut xorta hareg ghal-main road, bir-rizultat li t-truck lahqu u l-incident sehh billi l-konvenut gie milqut bil-gabina tal-vettura tas-sewwieq tad-ditta assikuratrici u dana fuq in-nofs ta' wara tal-bowser misjuq mill-konvenut.

Il-perit legali ma deherlux li s-socjeta` attrici ippruvat li l-konvenut kellu tort ghall-incident, wara li qies li s-socjeta' attrici ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' probabilita`.

Din il-Qorti, bir-rispett kollu lejn l-abbli perit legali, ma taqbilx ghal-kollox mal-konkluzzjoni milhuqa mill-perit legali. Din il-Qorti issib, fil-fatt, li ghall-incident, iz-zewg sewwieqa jahtu fi grad indaqs u dan peress li jirrizulta li z-zewg sewwieqa, li kienu qed isuqu vetturi kbar u goffi, ghadsu rashom u baqghu sejrin fit-triqthom minghajr konsiderazzjoni ghal-xulxin. Jidher li t-tnejn adottaw attitudni ta' dominanza u ta' poter gej mill-fatt li kienu qed isuqu vetturi kbar. Il-konvenut, per ezempju, ma jghidx li waqaf qabel ma firex fil-*main road*, izda hares fuq ix-xellug, kkalkula li seta jghaddi, u baqa' jsuq. Il-konvenut, li kien hiereg min triq laterali u jaqsam triq principali, kellu l-obbligu principali li jara li ma jidholx fil-*main road* qabel ma din tkun talment libera li tkkoncedi d-dhul tieghu minghajr diskapitu. Hu ghamel kalkolu hazin meta qies li kien jilhaq johrog, u kif inhu maghruf, zball ta' kalkolu irid jerfghu minn jiehdu.

L-assikurat tal-attur, min naha l-ohra, wkoll ghaddas rasu u baqa` jsuq. Hu zgur li kien qed jarah l-konvenut johrog

ghal-*main road*, pero`, baqa' ghaddej fuq l-istess linja tat-triq u wisq probabli, bl-istess velocita`. Hu veru li l-obbligu principali kien fuq il-konvenut, pero`, jekk dan ghamel hazin, hu ma kellux jibqa diehel go fih, izda kellu jipprova jevita dik il-vettura li harget ghal- *main road*. Kif jghid l-awtur Gibb ("Motor Accident Cases" pag. 32), "*the violation of the rule of the road is not conclusive evidence of negligence. Such a violation will not bar a party's recovery unless it was the proximate cause of the injury"*.

F'dan il-kaz l-assikurat tas-socjeta attrici kellu ampia opportunita` jevita l-habta. Fil-fatt, mill-provi jirrizulta li kien l-assikurat tas-socjeta` attrici li dahal fil-genb tal-vettura tal-konvenut, u dan anzi, fin-nofs ta' wara tal-bowser misjuqa mill-konvenut. Id-*driver* l-iehor, allura, rah lill-konvenut quddiemu, u ra li lahaq dahal in parte fit-triq principali, u ma kellux allura, jibqa jsuq ghal-fuqu. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza "Galea vs Fenech", decisa fis-16 ta' Jannar, 2003, "ksur tar-regolamenti tat-traffiku jew imgieba skorretta jew delittwuza minn xi parti involuta f'incident tat-triq mhux bilfors hija relevanti biex wiehed iqis min jahti ghal dak l-incident. Jaqa` d-dmir fuq min ghandu jiddeciedi li jqis ir-responsabbilita tal-persuni involuti biex jistabilixxi x'kien li wassal tassew ghall-incident".

Il-konvenut, hu veru, ma lahaqx dahal kompletament fil-main road u, kwindi, ma jistax jigi ezonerat minn kull responsabilita`. Sewwieq gej minn triq sekondarja u ser jidhol go triq principali, qabel ma jaghmel il-manuvra tieghu ta' inserzjoni, ghandu jisplora tajjeb u b'mod diligenti t-triq principali u ghandu jinserixxi ruhu fiha unikament meta jkun cert li jista jaghmel dan minghajr riskju u perikolu. Ghandu jaccerta ruhu li jibda, jkompli, u jittermina din il-manuvra minghajr perikolu jew xkiel ghat-traffiku li jista' jkun ghaddej mit-triq principali kemm fuq il-*first lane* kif ukoll fuq is-*second lane*. Aktar ma tkun popolari u traffikuza t-triq principali, aktar ikun l-oneru u l-grad ta' attenzjoni li ghandu jezercita s-sewwieq awtur tal-manuvra.

Il-konvenut, min naha l-ohra, lahaq firex fit-triq u l-assikurat tas-socjeta attrici kellu kull opportunita` jevita l-habta; min ghandu d-dritta m'ghandux jibqa jesigi dak id-dritt sal-punt li jwassal ghall-incident.

Il-Qorti, kwindi, tqis liz-zewg sewwieqa responsabbli ghall-incident bi grad indaqs.

Peress li l-ammont ta' danni reklamat ma giex kontestat u jirrizulta pruvat, il-konvenut ghandu jhallas nofs is-somma reklamata, u cioe` Lm229.50.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' in parte it-talbiet attrici, tiddikjara li l-konvenut, huwa responsabli ghall-incident in kwistjoni fi grad ta' nofs, u tikkundanna, ghalhekk, lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm229.50 (mitejn u disa' u ghoxrin liri Maltin u hamsin centezmu) in linea ta' danni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------